**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark A Cremona)**

**-vs-**

**Omar Joseph Trabelsi, detentur tal-karta tal-identità 329189M**

***Każ Nru.: 1992/2025***

Illum, 3 ta' Marzu, 2025

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Omar Joseph Trabelsi**, u ċioè talli:

Fl-erbatax (14) il-jum tax-xahar ta' Frar tas-sena elfejn ħamsa u għoxrin (2025), u/jew fil-ġimghat u/jew xhur ta' qabel, ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Talli naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello LL.D. fid-digriet tagħha, ta' nhar it-25 ta Ottubru 2023 u digriet/i sussegwenti.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għall-imsemmija reati, tirrevoka '*contrario imperio*' d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-riarrest ta' l-imsemmi Omar Joseph Trabelsi, kif ukoll tordna li s-somma totali ta' elf u sitt mitt ewro (€1,600) bħala depożitu w is-somma ta' ħmistax-il elf u ħames mitt ewro (€15,500) bħala garanzija personali, jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar is-17 ta' Frar, 2025, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) moqri flimkien mal-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali w ċioè wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hi ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessa.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reat li dwaru qed tinstab ħtija, tal-karattru refrattarju tiegħu, tal-ammissjoni ferm bikrija tiegħu kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Jidher biċ-ċar li l-opportunitajiet mogħtija lill-imputat fil-passat ma swew ta' xejn u l-imputat baqa juri menefregiżmu assolut għall-ordnijiet ta' dawn il-Qrati.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 579(1)(2)(3) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu w tikkundannah għal **sitt (6) xhur priġunerija** li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv.

Għaldaqstant il-Qorti filwaqt li tordna ir-**ri-arrest immedjat** tal-imputat, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depożitu ta' elf u sitt mitt Ewro (€1,600)

impost bħala garanzija mill-Maġistrat Dr. Rachel Montebello bid-digriet tagħha tal-25 ta Ottubru 2023 kif ukoll tas-somma ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) a mill-ammont impost bħala garanzija personali.

Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex permezz ta nota jippreżenta kopja ta' din is-sentenza fl-atti tal-kawża **Il-Pulizija vs Omar Joseph Trabelsi**, liema proċediment kien qed jinstema quddiem l-Onor. Maġistrat Dr. Rachel Montebello.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

Notifika: Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali